**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra)**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Carmelo Ciranna**

**Kumpilazzjoni numru 24/2017**

**Illum 1 ta' Marzu, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmelo Ciranna** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 44398 (A) billi huwa akkuzat talli f`dawn il-Gzejjer, bejn ix-xhur ta` Dicembru 2016 u Jannar 2017, b` diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda;

**1.** Nhar l-25 ta` Dicembru 2016, bejn l-10:30 u l-17:30 gewwa Triq Notabile, Birkirkara, ikkommetta serq ta` gojjelli li jammontaw ghal 5930€, seba` arloggi ta` l-idejn li valur taghhom jammonta ghal 1239€,

u 50€ fi flus kontanti, ghad-dannu ta' Kenneth Cassar detentur ta' karta tal-identita` b` numru 763553(M), Anna Marie detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 734858(M), Francesca Cassar detentrici ta` karta tal-identita` 386182(M) u Robert Cassar detentur ta` karta tal-identita' 332587(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u bil-lok;

**2.** Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` elfejn u hames mitt euro (2500€), izda tiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Kenneth Cassar detentur ta' karta tal-identita` b` numru 763553(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

**3.** U aktar talli nhar id-09 ta' Jannar 2017, bejn id-09:15 u l-10:45 gewwa Procyon, Triq in-nutar Zarb, Attard, ikkommetta serq ta' gojjelli ghad-dannu ta' Fiona June Casha detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 411542M u Lyudmila Zhelyazkova Sanchanin detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 68011A, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u bil-lok;

**4.** Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` elfejn u hames mitt euro (2500€), izda tiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Fiona June Casha detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 411542(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

5. U aktar talli nhar it-28 ta′ Dicembru 2016, bejn is-14:00 u l-16:00 gewwa 5, Triq il-Katakombi, Marsaskala, ikkommetta serq ta′ gojjelli li jammontaw ghal madwar 1,700€, basket li l-valur tieghu jammonta ghal 280€, flus kontanti svizzeri li jammontaw ghal 300, u ′camera′ tar-ritratti tad-ditta Canon b`valur ta` madwar 1000€ ghad-dannu ta′ Pia Constance Hawkins detentrici ta` passaport Ingliz b`numru 515750380 u Kieth Ronald William Hawkins detentur ta` passaport Ingliz b`numru 533341275, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u bil-lok;
6. Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` elfejn u hames mitt euro (2500€), izda tiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Fiona June Casha detentrici ta′ karta ta′ l-identita bin-numru 411542(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.
7. U aktar talli bejn it-28 ta` Dicembru 2016 u 2 ta` Jannar 2017 f` xi hin gewwa 15, Triq Has Sajjied, Zabbar, ikkommetta serq ta′ 500€ fi flus kontanti, ′television′ tad-ditta Samsung b`valur ta` 600€ u arlogg tad-ditta Briethling b` valur ta` 6000€ ghad-dannu ta` Mark Attard detentur ta` karta tal-identita` b`numru 432675(M), liema serq huwa aggravat bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bil-lok, u bil-hin;
8. U aktar talli nhar il-11 ta` Jannar 2017 bejn 14:30 u 17:20 gewwa Interlace, Blk A, Triq Il-Grigal, Marsaskala, ikkommetta serq ta` gojjelli b` valur ta 1200€ , ghad-dannu ta` Maria Assunta Cachia

detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 784549(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bil-lok;

**9.** Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` mitejn u hamsin ewro (€250), li saret ghad-dannu ta` Maria Assunta Cachia detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 784549(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

**10.** U aktar talli nhar it-08 ta` Jannar 2017 bejn l-11:00 u 17:00 gewwa 594, Petikka, Triq il-Qaliet, Marsaskala, ikkommetta serq ta` gojjelli b`valur ta` 600€, 'Video Camera' tad-ditta Sanyo b`valur ta` 350€, laptop tad-ditta 'Acer' b`valur ta` 539€, u laptop tad-ditta HP b`valur ta` 450€ ghad-dannu ta` Joseph Farrugia detentur ta` karta tal-identita` b`numru 631644(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bil-lok;

**11.** Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` mitejn u hamsin ewro (€250), li saret ghad-dannu ta` ` Joseph Farrugia detentur ta` karta tal-identita` b`numru 631644(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

**12.** U aktar talli nhar it-03 ta` Jannar 2017 bejn it-08:00 u 22:30 gewwa 3, Villa Siberia, Triq Is-Sajjieda, Marsaskala, ikkommetta serq ta`

ornamenti ta` kulur ir-ramm, gojjelli, camera tar-ritratti li valur taghhom mhux maghruf u flus kontanti ghad-dannu ta` Doreen Grima detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 213265(M), liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bil-lok;

**13.** Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` mitejn u hamsin ewro (€250), li saret ghad-dannu ta` Doreen Grima detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 213265(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

**14.** U aktar talli nhar it-05 ta` Jannar 2017 bejn il-11:15 u 12:30 gewwa 9, Il-Qiegha, Triq Latmija, Zabbar, ikkommetta serq ta` gojjelli b`valur ta` 5500€, arlogg tad-ditta rolex li l-valur tieghu mhux maghruf, ghad-dannu ta` Valerie Anne Pulis detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 912847(M), liema serq huwa aggravat bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bil-lok;

**15.** U aktar talli nhar l-24 ta` Dicembru 2016 ghal habta tal-05:00 ta` filghodu minn Mike`s Service Station li tinsab fi Triq San Bastjan, Qormi, ikkometta serq ta` zewg Batteriji ta` vettura b`valur ta` 500€, ghad-dannu ta`  ghad-dannu ta` Emanuel Scicluna detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 175673(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

**16.** u aktar talli ikkometta diversi reati u b'hekk kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

**17.** u aktar talli xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**18.** Fl-ahharnett, il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2017 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien li jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu anke wara li kkonsulta l-avukat tal-ghajnuna legali Dr. Noel Bartolo.

L-Imputat talab skuza ghal dak li wettaq u iddikjara li jiddispjaciha ghall-akkadut u pprometta li jghin lill-pulizija biex tirkupra deheb u gojjelli li huwa kien seraq u biegh biex imantni l-vizzju tad-droga.

Semghet fis-seduta tallum l-1 ta' Marzu 2017 lill-Ispettur Elton Taliana jghid li parti sostanzjali ta' deheb u gojjelli li kienu nstequ minn fond H'Attard biss kien irkuprat.

Rat il-Pre-Sentencing report imhejji mill-Probation Officers Rona Custo' u Saviour Lia datat illum 1 ta' Marzu 2017 fejn sostnew li *"is-sitwazzjoni prezenti titlob li sabiex Carmelo Ciranna jindirizza l-problemi tieghu, hu jrid jkun f'ambjent kontrollat. Dan hu rifless fl-passat tieghu, li kull meta hu rrikorra ghal kriminalita' kien jehtieg jidhol il-habs sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga, u kif ukoll ghal fatt li waqt li hu kien fil-komunita' tilef kull kontroll tieghu nnifsu"*.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza*

*tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Il-Qorti ma taqbilx li min ikun f'pajjizna bhala mistieden, hux ghall-vaganza, ghan-negozju, ghax-xoghol jew ghall-istudju ma jimxix b'mod strett mal-ligijiet ta' pajjizna.

Huma l-minoranza assoluta tal-"mistiedna" fostna li jigu jaqghu u jqumu mil-ligijiet ta' pajjizna. Dawn il-ftit qeghdin jaghmlu hsara kbira hafna ghaliex qeghdin jitfghu dell ikrah fuq ohrajn li jghixu hajja ezemplari f'pajjizna.

Il-Qorti theggeg lill-awtoritajiet biex juzaw il-poter li tatihom il-ligi u ma jiddejjqux jiehdu passi drasitici kontra dawn inkluz li jitkeccew minn pajjizna.

Kap 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni f'Artikolu 5 jiddefenixxi min huma l-immigranti "projbiti":

> **5.** *(1) Kull persuna, li tkun waħda li ma jkollhiex id-dritt ta' dħul, jew ta' dħul u residenza, jew ta' moviment jew transitu taħt it-Taqsimiet preċedenti, tista' tiġi rifjutata milli tidħol, u jekk hija tiżbarka jew tkun qegħda f'Malta mingħajr il-permess tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, hija tkun immigrant projbit.*

*(2) Anke jekk tkun nizlet l-art jew tkun f'Malta bil-permess tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jew tkun inghatat permess ghal residenza, persuna tkun, kemm-il darba ma tkunx ezentata taht dan l-Att minn xi wahda minn dawn il-kondizzjonijiet li gejjin jew ikunu japplikaw dwaru regoli specjali taht id-disposizzjonijet ta' qabel ta' dan l-Att, immigrant projbit ukoll -*

*(a) jekk ma tkunx tista' turi illi ghandha l-mezzi biex tmantni lilha nnifisha u lid-dipendenti taghha (jekk ikollha) jew jekk ikun hemm probabbilta` li hi jew xi hadd mid-dipendenti taghha ser ikunu ta' spiza ghal kariga tal-fond pubbliku; jew*

*(b) jekk tkun tbati minn dizordni mentali jew tkun mentalment deficjenti; jew*

*(c) jekk, meta tkun nizlet l-art f'Malta skont jew taht xi regolament maghmul bis-sahha tal-artikoli 44 u/jew 50 tal-Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard, tkun ghada f'Malta wara li jghaddu hmistax-il jum mill-jum li fih is-Suprintendent tas-Sahha Pubblika jkun iccertifika bil-miktub illi l-permanenza ta' dik il-persuna f'Malta mhix izjed mehtiega skont u ghall-iskop ta' dawk ir- regolamenti; jew*

*(d) jekk tinstab hatja minn qorti ta' gurisdizzjoni kriminali f'Malta ta' reat kontra xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil- Prostituzzjoni jew tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ta' xi delitt, minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna, li fil-kaz tal-ewwel delitt ikun kommess minn dik il- persuna suggett ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn sena*

*jew, fil-każ tat-tieni delitt jew delitt sussegwenti kommess mill-istess persuna, ikun suġġett għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur; jew*
*(e) jekk tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu; jew*
*(f) jekk ma tħarisx jew ma tibqax tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet, inkluża kondizzjoni mifhuma, li taħthom tkun ingħatat permess li tinżel l-art jew li tinżel l-art u tibqa' f'Malta jew tkun ingħatat permess għal residenza; jew*
*(g) jekk xi ċirkostanza li wasslet għall-għoti ta' permess biex tinżel l-art jew biex tinżel l-art u tibqa' f'Malta jew għall-estensjoni ta' dak il-permess jew għall-għoti ta' permess għal residenza, ma tibqax teżisti; jew*
*(h) jekk dik il-persuna tkun prostituta; jew*
*(i) jekk tkun dipendenti ta' persuna li hija immigrant projbit skont xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan is- subartikolu.*

Il-Qorti rat il-fedina l-imputat ghandu fedina penali kkulurita u refrettarja, giet adebitata bir-ricediva, semghet lill-ufficjali prosekuturi jiddikjaraw li l-imputat ikkopera biss fuq serqa li saret minn H'Attard, l-**konsegwenzi li dawn kellhom fuq il-vittmi**, u l-ammissjoni fi stadju bikri.

Rat dak li ntqal fil-ftuħ tas-Sena Forensi dwar il-vittmi ta' reat, li minħabba l-kefrija ta' ħaddieħor, jitneżżgħu mid-dinjità:

***Intom, fix-xogħol tagħkom - kemm imħallfin, kemm maġistrati, kemm avukati, prokuraturi legali - tiltaqgħu ma'***

*tant sitwazzjonijiet umani - mhux biss fil-kriminal imma anke fiċ-ċivil - fejn in-nies jiġu għall-ġustizzja għax huma vittmi tar-regħba, tal-aggressjoni, tal-vjolenza, tal-kefrija ta' ħaddieħor. Dawn jiġu quddiemkom imneżża mid-dinjità, jitkarrbu biex xi ħadd jagħtihom l-għajnuna*[1].

Il-Qorti rat li l-imputat inghata diversi opportunitajiet f'hajtu izda m'gharafx jisfrutthom u jaqbad it-triq it-tajba.

Illi l-fatt li l-imputat kien inghata l-licenzja tal-Parole u kiser il-kundizzjonijiet marbuta maghha m'ghandhomx jibaghtu sinjal negattiv fuq dan il-mezz utli fil-qasam tal-Gustizzja Reparattrici.

Il-Qorti issellem lil dawk kollha li jaghtu servizz fil-qasam tal-Gustizzja Reparatrici f'pajjizna, inkluz dawk li jaghtu servizz fil-facilitajiet ta' korrezzjoni f'pajjizna ghall-hidma li jwettqu u ma jaqtghux qalbhom jekk ikun hemm minn jiehu s-servizz taghhom u ma jaghrafx jimxi fit-triq lura ta' integrazzjoni fis-socjeta'.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 269, 270, 279(b), 289, 325(1)(b)(c), 334 u 533 Kap 9 u Art 7 Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah piena komplessiva ta' seba' (7) snin prigunerija.

[1] Arċisqof Charles J. Scicluna nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex il-hati jinghata l-ghajnuna kollha u t-trattament mehtieg.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tordna lill-hati jhallas is-somma ta' elf mitejn u disa' u tletin euro u sebgha u erbghin il-centesimu (€1239.47) spejjez inkorsi f'din il-kawza.

Il-Qorti tordna li minhabba li l-imputat huwa ta' theddida ghal ordni pubbliku ta' pajjizna, meta jiskonta s-sentenza jkun ripatrijat f'pajjizu u dan skont kif jipprovdi Artikolu 5(2)(a)(d) tal-Kap 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**DR JOSEPH MIFSUD**

**MAGISTRAT**